MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2009

Numru. 96/2007

**Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Philip Charles John Azzopardi, ta' 32 sena, bin Michael u Sonia nee' Mifsud, imwieled l-Awstralja nhar it-02/11/1975, residenti fil-fond 4, Triq taz-Zrajk, Nadur, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 452692(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Philip Charles John Azzopardi li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn it-08 u id-09 ta' Dicembru 2007gewwa Ghawdex:

a. ghal habta ta' 2320hrs gewwa Triq San Bert, Xewkija, kien fil-kontroll ta' motor car cioe' vettura tat-tip

BMW bin-numru ta’ registrazzjoni PCJ211 fit-triq jew f’post pubbliku iehor meta ma kienx f’kundizzjoni li suq minhabba xorb alkoholiku,
b. u aktar talli fl-istess hin, lok, data u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura tat-tip BMW bin-numru ta’ registrazzjoni PCJ211, bi traskuragini kbira u b’mod perikoluz ikkaguna incident awtomobilistiku u hsara fuq il-vettura tat-tip VW Golf bin-numru ta’ registrazzjoni IAV131 proprjeta ta’ Carmel Saliba (ID 10264(G),
c. ukoll talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b’manjiera perikoluza u traskurata
d. Talli fl-istess lok, hin data u cirkostanzi ikkaguna griehi ta’ natura gravi lil Carmel Saliba (I.D. 10264(G)) skond ma certifika Dr. J. Rapa MD tal-Klinika tas-Sahha tal-Vittoria, Ghawdex

Talli nhar id-09 ta’ Dicembru 2007 ghal habta ta’ 0015hrs gewwa Triq l-Isqof Pietru Pace, Rabat

e. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta, cioe’ ambulanza tat-tip Iveco bin-numru ta’ registrazzjoni GVN037 li jammonta ghal aktar minn mitt lira (Lm100), izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1000),
f. talli fl-istess lok, hin, data u cirkostanzi ikkaguna griehi ta’ natura hafifa lil Amanda Haber (I.D. 381693(M)) skond ma iccertifika Dr. J. Rapa MD tal-Klinika tas-Sahha tal-Vittoria Ghawdex.

Ukoll talli nhar id-09 ta’ Dicembru 2007 ghal habta tan-0030hrs gewwa Triq il-Gladjoli, Xewkija

g. ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe’ PS187, PS698, PC42 u PC1402 waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kien ghamlu dana is-servizz, jew bil-hsieb li ibezzghuhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra il-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz u dana bi ksur ta’l-artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

h. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe' PS187, PS261, PS698, PC42, PC379, PC1117 u PC1402 filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, u dana bi ksur ta'l-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
i. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PS698, PC42 u PC379 u dana bi ksur ta'l-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
j. Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, b'ghajjat u bil-glied u dana bi ksur ta'l-Artikolu 338(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju tieghu ta'l-10 ta' Ottubru 2008.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dina l-kawza huma pjuttost cari u mhux ikkontestati. L-imputat kien ghadu kemm attenda ghal tieg u kien x'aktarx xurban. Wara li wassal lit-tfajla tieghu id-dar u kien sejjer lejn in-Nadur kien involut f'kollizzjoni ma' vettura ohra misjuqa minn certu Carmel Saliba. Illi dwar id-dinamika ta' dana l-incident awtomobilistiku hemm ix-xhieda biss ta' Carmel Saliba. L-ebda okkorrenza esebita mill-pulizija involuti fl-investigazzjonijiet ma tixhet dawl dwar dana. Lanqas saret skizz tal-habta, u kwindi l-Qorti tista' tistrieh biss fuq dak li jghid Saliba dwar dana l-incident. L-imputat ftit li xejn jiftakar hlief li ighid li ra karozza hierga minn triq laterali u baqa' diehel fiha. Saliba jikkontendi illi huwa kien diga xiref ghal fuq it-triq principali u kien kwazi dritta meta sehhet il-habta. Ighid illi l-imputat

gie *wrong side* fuq il-karreggjata tieghu tat-triq u laqat mal-genb tal-vettura tieghu tant illi bl-impatt habbtu mal-hajt fuq in-naha tal-passiggier biex b'hekk il-vettura tieghu garrbet hsarat kemm fuq il-genb in-naha tax-xufier kif ukoll fuq in-naha l-ohra u cioe' fuq in-naha tal-passiggier.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Saliba illi wara li sehhet il-kollizzjoni, Saliba nizel mill-vettura u avvicina lill-imputat li kien fil-karozza tieghu. L-imputat hareg mill-karozza, tah daqqa ta' ponn tant illi Saliba waqa' lura fl-art u kif kien fl-art, l-imputat beda ixejjirlu bis-sieq u laqqtu fuq sidru. Saliba beda jghidlu biex ihallieh u fl-ahhar irnexxielu jahrab minn fuq il-post u baqa' sejjer id-dar. Jidher illi xi nies infurmaw lill-pulizija dwar dina l-kollizzjoni. Meta wasslu fuq il-post sabu lill-imputat mitluq fuq l-*isteering wheel* mitluf minn sensieh. Ghalhekk isejhet ambulanza. L-imputat inhareg mill-vettura tieghu u rikbuh fl-ambulanza. Fit-triq lejn l-isptar l-imputat baqa' mitluf minn sensieh, izda f'hin minnhom huwa gie f'sensieh, sar aggressiv, qam bil-wieqfa, beda jissielet mal-infermiera li kienu fl-ambulanza u jaghti bis-sieq fuq il-bieba tal-ambulanza tant illi nkissret hgiega mill-bieba u anke tkissret is-serratura tal-istess bieba. Ix-xufier tal-ambulanza meta ra dana waqqaf l-ambulanza u l-imputat qabez mit-tieqa u harab. Il-pulizija gew mgharrfa b'dana u bdew ifittxu lill-imputat li wara ftit sabuh vicin ir-residenza tat-tfajla (illum il-mara) tieghu, kien bil-qieghda f'karozza mitluq. Hdejh kien hemm it-tfajla tieghu li jidher li kienet marret tfittxu meta semghet l-ahbar dwar l-incident u sabitu miexi fit-triq u ghalhekk rikbitu fil-karozza taghha. Meta l-pulizija bdew jippruvaw johorguh mill-vettura, huwa rega sar aggressiv, beda jirrezisthom, beda jxejjer bil-ponn u jaghti bis-sieq tant illi anke spicca wegga' lill-pulizija li kienu qed jippruvaw izommuh. Fl-ahhar il-pulizija rnexxielhom irikbuh fil-vettura taghhom u haduh lejn l-*lock up* tal-Ghassa. Hemmhekk huwa rega ipprova jirresisti l-arrest u rega kien aggressiv, izda fl-ahhar il-pulizija irnexxielhom idahhluh fic-cella.

Illi x'kienet ir-raguni wara dina l-imgieba kemmxejn stramba tal-imputat f'dana l-incident kollu ma huwiex car. Il-prosekuzzjoni tikkontendi illi l-imputat kien xurban. Mill-

atti processwali, madanakollu, ma jirrizultax illi fil-fatt sar xi *breathalyzer test* sabiex dana seta' jigi stabbillit. L-imputat jikkontendi illi fit-tieg li attenda qabel l-incident huwa xorob madwar flixkun inbid. Saliba u l-pulizija li xehdu kollha ighidu illi xammew riha ta' xorb alkoholiku fuq l-imputat u li l-komportament tieghu ma kienx wiehed normali u kien jidher mifxul. Madanakollu l-infermiera li taw l-ewwel ghajnuna medika lill-imputat fuq il-post tal-incident u li kienu mieghu fl-ambulanza, ighidu illi ma tantx xammew riha ta' xorb fuq l-imputat. Huma bdew jattribwixxu l-imgieba kemmxejn stramba u aggressiva tal-imputat ghal xi *head injury.*

Illi fin-nota tar-rinviju tieghu ghal gudizzju, l-Avukat Generali jindika s-segwenti artikoli tal-ligi illi tahthom tista' tinstab htija. B'mod ewlieni huwa jindika d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u precisament l-artikoli 15 u 15A tal-istess ligi. Illi filwaqt l-ewwel artikolu jitratta dwar is-sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuragini, jew b'mod perikoluz, l-artikolu 15A imbaghad jitratta dwar sewqan taht l-influwenza tax-xorb jew drogi. Illi mill-provi mismugha f'din il-kawza, kif diga gie sottolinjat iktar 'il fuq l-uniku xhud li ngieb mill-prosekuzzjoni dwar id-dinamika ta' dana l-incident huwa biss Carmel Saliba. Jidher illi l-ebda investigazzjoni ulterjuri ma saret mill-pulizija dwar l-istess u lanqas jidher li sar skizz dwar il-habta sabiex jigi stabbilit xi *spot of impact* jew il-posizzjoni tal-vetturi wara l-incident, xi *brake marks* rispettivi jew sinjali indizzjarji ohra li jistghu jitfghu dawl fuq dana l-incident. Provi ohra li ngiebu jindikaw illi l-imputat kellu riha ta' xorb alkoholiku u li ghalhekk seta' kien xurban. Dana qed jinghad ghaliex l-ebda kampjun tan-nifs, tad-demm jew tal-urina ma ttiehed mill-imputat sabiex jigi stabbilit dana l-fatt. Kif diga inghad iktar 'il fuq l-imgieba tal-imputat wara li sehh l-incident ma kienx wiehed normali, imgieba li kienet f'mumenti wahda agressiva u f'mumenti wahda ta' bniedem mitluf minn sensieh. Illi dina l-imgieba setghet kienet indikattiva ta' bniedem fi stat ta' sokor, izda setghet ukoll kienet attribwibbli ghal *head injury* li seta' sofra l-imputat mal-impatt meta sehhet il-kollizzjoni u dana kif jindikaw ix-xhieda u cioe' l-infermiera li accedew fuq il-post. Il-Qorti ghalhekk fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali

certament ma tistax issib htija taht dak dispost fl-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti, allura trid tistabilixxi jekk is-sewqan tal-imputat kienx wiehed kif previst fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta' Mejju 1997 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alfred Mifsud", il-Qorti enuncjat it-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

"S**ewqan traskurat** (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.

**Sewqan bla kont** (*reckless driving*) hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bhala 'sewqan bi traskuragini kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragini tkun kbira u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.'

**Sewqan perikoluz** (*dangerous driving*) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont w s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak tas-sewqan bla kont u f'dawk tas-sewqan perikoluz."

Illi kif diga inghad dwar id-dinamika tal-incident ma hemmx wisq provi li l-Qorti tista' tistrieh fuqhom. Illi ghalkemm l-imgieba tal-imputat wara li sehh s-sinistru tista' tkun indikattiva tal-istat mentali li kien fih l-imputat qabel ma sehh dana l-incident madanakollu ma hijiex wahda konklussiva, appuntu ghaliex kif diga inghad iktar 'il fuq hemm konfliggenza fix-xhieda prodotti dwar il-fatt jekk l-imputat kienx verament fis-sakra o meno. Huwa fatt mhux ikkontestat madanakollu illi l-imputat ikkonsma ammont ta' alkolhol waqt tieg li huwa attenda ghalih qabel l-incident. L-imputat jiftakar illi xorob madwar flixkun inbid. Madanakollu dana ma jfissirx illi l-fakoltajiet mentali tieghu gew affetwati sa tali punt illi huwa ma kienx kapaci ikollu kontroll shih tal-vettura li kien qieghed isuq. Illi l-imputat ighid illi hwua kien qieghed isuq fid-dritt meta f'daqqa u l-hin ra xi haga hierga minn mal-genb tieghu, ipprova jevitaha izda minflokk sehhet il-kollizzjoni. Jaf illi nfethet l-*air bag* u beda jxomm riha tal-ilma hiereg mir-*radiator* u ntilef minn sensieh. X'sehh minn dana l-hin sa x'hin sab ruhu fil-*lock up* tal-pulizija ma jiftakarax ghajr li jiftakar li f'xi hin huwa kien qieghed miexi fit-triq.

Illi fil-fatt huwa minnu illi Saliba kien hiereg mill-genb kif ighid l-imputat. Fil-fatt Saliba kien hiereg minn triq laterali ghal fuq triq principali. Saliba madanakollu ighid illi hekk kif hareg minn dina t-triq wara li ha l-prekawzjonijiet necessarji, huwa ra lill-imputat gej ghal fuqu mill-faccata kontra l-linja tat-traffiku u li kien gej ghal fuqu bis-sahha. It-triq principali giet deskritta bhala triq wiesgha li fiha zewg karreggjati. Saliba hareg u kiser ghal fuq il-karreggjata tan-naha tieghu, filwaqt illi l-imputat kien gej mid-direzzjoni l-opposta fuq il-karreggjata tan-naha l-ohra. Ghalhekk huwa invada l-karreggjata fejn kien qed isuq Saliba u ghalhekk habat fih u l-vettura tieghu waqqfet boghod ta' madwar mitt pied. L-impatt sehh mal-bieba ta' wara tal-vettura ta' Saliba fuq in-naha tas-sewwieq li jikkorrobora dak li ighid Saliba illi l-impatt sehh meta huwa kien diga hareg ghal fuq it-triq principali. Wara li sehhet il-kollizzjoni, Saliba safa' aggredit mill-imputat u harab minn fuq il-post.

Illi min dawn il-fattispecje l-Qorti ma ghandiex dubbju illi l-imputat ma kienx qieghed juza l-prudenza mehtiega fis-sewqan tieghu u li di piu huwa ma kellux il-kontroll shih tal-vettura li kien qieghed isuq, tant illi ghalhekk huwa kien ta’ periklu ghall-utenti l-ohra tat-triq. Tant l-imputat ma kienx attent fis-sewqan tieghu illi anke fix-xhieda tieghu huwa jghid illi ra xi haga hierga mill-genb, donnu lanqas kien kapaci jindika dina x-“xi haga” x’kienet! Dana certament ma jammontax ghall-*“proper lookout”* li tezigi l-ligi taghna fis-sewqan prudenti. Illi l-imputat ghalhekk ghandu jwiegeb ghall-hsara kollha kkagjonata fil-vettura tal-vittma kif ukoll ghall-griehi illi huwa sofra f’dana l-incident, fejn l-imputat mhux biss kagun tas-sewqan bla kont tieghu habat fil-vettura ta’ Saliba, izda wara l-impatt huwa agredixxa lill-istess Saliba u ikkagunalu diversi griehi.

Illi dwar il-griehi sofferti mill-vittma rrizulta kemm mix-xhieda tat-Tabib Peter Muscat kif ukoll mic-certifkat mediku rilaxxjat minnu u esebit fl-atti bhala Dokument PM illi Saliba sofra griehi ta’ natura gravi konsistenti fi ksur fis-sitt kustilja tan-naha tax-xellug, kompatibbli ma’ *“trauma”,* oltre griehi ohra li sofra li kienu ta’ natura hafifa. Madanakollu min-nota tar-rinviju ghal gudizzju, l-Avukat Generali jindika biss l-artikolu 221 bhala d-disposizzjoni tal-ligi li tahtu tista’ tinstab htija. Illi ma hemmx dubbju illi Carmel Saliba sofra griehi ta’ natura hafifa u ghalhekk il-Qorti tista’ issib htija biss f’dana r-rigward.

Illi dwar il-hsarat sofferti fil-vettura ta’ Carmel Saliba, provi f’dana r-rigward ma hemmx oltre dak li jixhed Saliba u l-hsarat indikati fir-rapport tal-pulizija a fol.16 tal-process. Ma hemm l-ebda *survey report*, stimi jew ricevuti ta’ hsarat esebiti fl-atti tal-kawza tant ghalhekk li huwa ferm difficli ghall-Qorti sabiex tistabilixxi l-ammont tal-hsara kkagjonata mill-imputat fil-vettura ta’ Saliba.

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll illi ikkaguna hsara volontarja fl-ambulanza proprjeta tal-Gvern ta’ Malta meta huwa kisser hgiega u bieba tal-istess ambulanza meta harab mill-istess. Illi mix-xhieda ta’ Renaldo Cini gie ikkonfermat illi l-hsara kienet tammonta ghal tlett mija u

disghin ewro. Fil-fatt l-imputat hallas Il-hsara ikkagjonata minnu f’dina l-ambulanza fil-mori tal-kawza. Illi dwar il-griehi sofferti minn Amanda Haber, l-infermiera li kienet fl-ambulanza u li marret taghti l-ewwel ghajnuna lill-imputat fuq il-post ta’l-incident, irrizulta kemm mix-xhieda ta’ Haber kif ukoll ta’ Dr. Joseph Rapa (fol.31) illi hija ma garrbet l-ebda griehi u kienet qed issofri biss minn xokk.

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reati ikkontemplati fl-artikoli 95 u 96 tal-Kodici Kriminali u dana fit-tieni parti tal-incident fejn huwa rrezista l-arrest tieghu u aggredeixxa lill-ufficjali tal-pulizija li marru sabiex jarrestawh vicin ir-residenza tat-tfajla (illum il-mara tieghu) kif ukoll meta huwa ittiehed il-*lock up* tal-pulizija. Issa dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn jikkontemplaw reati kommessi kontra ufficjal pubbliku, huma zewg reati ben distinti minn xulxin u l-elementi ta’ kull wiehed minnhom ghandhom karatteristici unici. Il-Qrati taghna f’diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. (ara The Police vs John Shayer et deciza fl-14 ta’ Novembru 1959, Police vs Jospeh Polidano – 7 ta’ Frar 1966 Il-Pulizija vs Carmelo Zammit – 23 November 1959 fost ohrajn) “*The difference to the two crimes envisaged under Sections 94 and 95 of the criminal Code* (illum 95 u 96) *does not lie in the nature of the act, nor in the seriousness of the consequences, much less in the personal qualities of the injured person, but only in the character of the duties the injured person is performing at the time of the offence. Indeed Section 94* (illum 95) *states “while in the act of discharging his duty or because of his having discharged such duty, or with intent to intimidate or unduly influence him in the discharge of such duty,’ whilst section 95* (illum 96) *requires that the offence is committed when in the execution of the law or of a lawful order issued by a competent authority*.” (Police vs A.B. Michael Locking deciza 3 ta’ Ottubru 1966).

Illi ghalhekk filwaqt illi r-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 huwa reat ta’ oltragg lil ufficjal pubbliku waqt il-qadi tas-servizz pubbliku tieghu jew minhabba li jkun qieghed jaqdi tali servizz, l-artikolu 96 jipotizza r-reat ta’ attakk jew resistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn

servizz pubbliku filwaqt li dik il-persuna tkun qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita kompetenti. Illi din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-artikolu 95(1) – waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan *is-servizz,* jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-*esekuzzjoni ta' dana is-servizz*. (ara sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra Appell Kriminali – 9 Settembru 2002)

Illi mill-provi migjuba quddiem il-Qorti rrizulta illi l-imputat ikkometta attakk u resistenza kontra ufficjali tal-pulizija meta dawn kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi u cioe' fil-mument illi huwa kien qed jigi arrestat. Minn imkien ma jirrizulta mill-provi illi l-imputat f'xi hin hedded jew ingurja lil xi wiehed minn dawn l-ufficjali. Fil-fatt l-ufficjali tal-pulizija kollha li xehdu ikkonfermaw illi l-agir tal-imputat ma kienx wiehed normali, kien agressiv u x'aktarx kien xurban. Huwa beda jaghti b'idejh u b'saqajh u fil-process huwa laqat lil PS698, PC42 u PC739 u ikkagunalhom xi griehi hfief u dana kif jirrizulta mix-xhieda ta' Dr. Anselm Psaila u c-certifikat mediku rilaxxjat minnu. (fol.50,51,52).

Illi finalment ghar-rigward tal-ahhar akkuza ta' natura kontravenzjonali, ma hemmx dubbju illi bl-agir tieghu aggressiv, l-imputat huwa hati ukoll ta' ksur tal-bon ordni u dana kif dispost fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti tosserva illi l-imputat ghandu fedina penali nadifa u jidher illi dana kien incident uniku. Inoltre l-imputat diga hallas il-hsara ikkagjonata fl-ambulanza proprjeta tal-Gvern u jidher illi bosta mir-reati li dwarhom gie akkuzat sehhew f'mument meta huwa ma kellux kontroll shih tal-azzjonijiet tieghu u dana ghal perijodu momentanju. Il-Qorti madanakollu ma tistax tinjora l-gravita ta' dan l-incident li seta' kellu konsegwenzi ferm aktar gravi kemm ghall-utenti ohra tat-triq kif ukoll ghall-imputat stess.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 328(d), 325(1)(b), 96, 221 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-akkuzi li igibu l-ittra (a) u ittra (g), issibu hati tal-kumplament tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tmien (8) xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana l-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Finalment il-Qorti qed tordna is-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-hati u dana ghal zmien tlett xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------